MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 75/2015

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Vincent Zahra (ID 155851M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 30 ta' Jannar, 2015 prezentat mis-Socjeta' attrici fejn ippremettiet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u seba' Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€707.43c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 flimkien mas-servizzi ta' GO Sports u GO Stars (AC40088556).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2874/13, u bl-imghaxijiet legali sa mill-25 ta' Novembru, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Dokumenti Mehmuzi:

Dok A – Prospett

Dok B1 – Dok B3 – Kuntratti

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 2874/13

Fit 9 ta' Marzu, 2015 deher il-konvenut li ddikjara li qed jikkontesta t-talba u nghata ghoxrin (20) jum biex jipprezenta r-risposta tieghu.

Fil- 21 t' April, 2015 rega deher fejn informa lit-Tribunal li ser jirrapprezenta lilu nnfishu. Illi ma jafx jaqra u jikteb pero` ddikjara illi qed jikkonstesta t-talba ghaliex hu qatt ma talab it-tigdid tas-servizz u qatt ma ffirma ghalih.

Illi fis-seduta tal-05 ta' Mejju, 2015 xehdet rapprezentanta tas-Socjeta' attrici **Simone Whiteman** (Credit Controller) li kkonfermat illi l-ammont ta' seba' mija u seba' ewro u tlieta u erbghin centezmu (€707.43c) ghadu dovut. Is-servizzi kienu ta' Home pack 33 Bundle bi Sports Premium. Il-klijent kien irritorna l-modem fit-3 ta' Mejju, 2013;[1]. Ipprezentat ittra li kienu bghatu lis-Sur Zahra fil-15 ta' Dicembru, 2012. Din l-ittra tiddikjara illi jekk is-Sur Zahra ma jridx juza s-servizz kellu jikkuntatja lill-GO plc fuq numri ndikati. [2] Illi l-applikazzjoni biex jiehu s-servizz saret fit-2 t'Awwissu, 2010. Dan sar fl-outlet tas-Socjeta' attrici gewwa n-Naxxar ma' Mr. Ryan Farrugia. "Is-sistema topera` bil-mod li biex jaqta` is-servizz irid jikkuntattjana u mbaghad igib lura l-modem u l-kaxxa tat-television. Minghajr dan ahna ma nitterminawlekx is-servizz". Iddikjarat illi pero` f'dan il-kaz il-kont gie tterminat "for credit control reasons".

Mill-atti jirrizulta illi wara t-2 ta' Mejju meta rritorna l-*modem* u nqata s-servizz ma gietx iccargjata somma ohra.

Il-konvenut spjega illi hu ma jafx jaqra u jikteb u ghalkhekk ma messhom qatt bghatulu ittra ghaliex ma setghax jkun jaf illi kellu jinfurmahom illi ried li jinqata` s-servizz. Illi hu pprova kemm il-darba jghidilhom li ma riedx is-servizz aktar pero` ma tawx kazu u minkejja li qatghu s-servizz xorta wahda baqghu jibghatulu l-kontijiet.

It-Tribunal ra l-evidenza kollha quddiemu nkluz l-*invoices* prezentati. Illi l-fatt li wiehed ma jafx jaqra u jikteb ma jistghax jintuza bhala skuza ghall-fatt li ma jonorax l-obbligi kontrattwali tieghu. Illi f'dan il-kaz ircieva ittra f'Dicembru 2012, pero` ma hassx in-necessita` li jistaqsi lil xi hadd biex jispjegalu x'kien hemm miktub. Minkejja li ghaddew diversi xhur fejn kompla jgawdi mis-servizz kien biss f'Mejju, 2013 li ha lura l-*modem* tat-television.

In vista tal-fatt it-Tribunal jhoss li t-talba giet sufficjentement ippruvata. Ghalhekk jaqta' u jiddeciedi li jilqa' din it-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' seba' mija u seba' ewro u tlieta

[1] Qed nipprezenta kopja, u qed nipprezenta wkoll it-terms and conditions tal-kutratt tal-home pack 33
[2] Arad ok SW1

u erbghin centezmu (€707.43c) u dan bl-ispejjez u bl-imghax legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------